**22 ta' Frar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Mario Felice

*versus*

Nobbli Markiż John Apap Bologna et.

**Taxxa — Titolu Eżekuttiv — Impunjazzjoni — Art. 62 tal-Proċedura Ċivili.**

*It-terminu ta' xahar preskritt mil-liġi biex wieħed jista' jimpunja taxxa jolqot biss il-likwidazzjoni tal-ammont taxxat mir-Reġistratur, imma mhux ukoll l-eżistenza tal-kreditu riżultanti mit-taxxa. U għalhekk, min ġie notifikat b'taxxa u ma mpunjahiex fi żmien xahar, mhux prekluż milli jattakka l-eżistenza tad-dritt mitlub, jew milli jipprova li dan id-dritt ma għadux iseħħ.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi, peress li b'eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid tat-13 ta' Novembru 1959 (numru 393/59), maħruġ minn din il-Qorti fuq talba tal-imsemmija konvenuti kontra l-Konti Saċerdot Don Francesco Saverio Teuma Castelletti, il-lum mejjet, kienet ġiet depożitata u mqegħdha, b'ċedola tat-18 ta' Novembru 1959 (numru 288/59) fir-Reġistru ta' din il-Qorti, is-somma ta' £69. 6. 6d, biex hemm tibqa'; u peress li l-ammonti li jiffurmaw il-kreditu eżegwit bl-imsemmi mandat diġà kienu ġew imħallsa mill-imsemmi Konti Saċerdot Teuma Castelletti, u anki, fi kwalunkwe każ, huma kolpiti mill-preskrizzjoni skond kif hemm provdut fl-art. 2254(e) tal-Kodiċi Ċivili; premessi d-dikjarazzjonijiet kollha li jkunu neċessarji u meħuda l-provvedimenti opportuni, talab li jiġi minn din il-Qorti dikjarat li l-ammont kollu ta' £69. 6. 6d, depożitat kif fuq espost in eżekuzzjoni tal-imsemmi mandat tat-13 ta' Novembru

1959, ma għandux jiġi żbankat minnhom, imma għandu jiġi kollu liberat favur l-attur, billi l-ammonti dovuti skond l-imsemmi mandat diġà ġew imħallsa kif jiġi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża, jew, fi kwalunkwe każ, huma waqgħu bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn skond l-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Ċivili numru 2254(c). Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha proprio et nomine, li biha ssottomettew (1) illi t-taxxi eżibiti bl-ittra uffiċjali tat-18 ta' Awissu 1958 ma ġewx impunjati fit-terminu legali, u għalhekk dawn huma l-lum titolu eżekuttiv, u (2) illi, minn mindu dawn it-taxxi saru titolu eżekuttiv, l-ammont dovut ma ġiex imħallas kollu;

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar 1960 (fol. 8) mnejn jidher ammess li t-taxxa "de quo" ma ġietx impunjata skond il-liġi, għalkemm ġiet debitament notifikata, u l-kontestazzjoni, għal issa, ġiet ċirkoskritta għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, għalkemm il-kontendenti jaqblu li t-taxxi in kwistjoni ma ġewx mill-awtur tal-attur impunjati skond il-liġi, ma jaqblux dwar il-konsegwenzi li jistgħu jidderivaw minn dan in-nuqqas. Il-konvenuti jippretendu illi b'daqshekk it-taxxi mhux biss saru titolu eżekuttiv, imma wkoll li l-kreditu minnhom rappreżentat ma jistax jiġi mid-debitur attakkat fl-eżistenza tiegħu, u għalhekk id-debitur ma jistax iżjed jopponi l-pagament jew l-estinzjoni tal-kreditu; minn naħa tiegħu, l-attur jgħid illi n-nuqqas ta' impunjazzjoni tat-taxxi jġib miegħu biss li l-ammont likwidat mir-Reġistratur ma jistax jitbiddel, iżda s-sussistenza tal-kreditu tibqa' dejjem suġġetta għad-diskussjoni;

Illi skond l-art. 62 (Proċ. Ċiv.), l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur, u t-taxxi magħ-

mula minnu ma jistgħux jiġi attakkati wara li jagħlaq xahar; u fit-test ingliż, "the assessment made by him may not be impugned after the expiration of one month". Il-lokuzzjoni tal-liġi hija ċara, u minnha jidher illi d-dekorriment tax-xahar jolqot biss il-likwidazzjoni tal-ammont taxxat mir-Reġistratur, u mhux l-eżistenza tal-kreditu riżultanti mit-taxxa;

Illi konferma ta' dan insibuha fl-art. 555(1) u (5) tal-Proċedura Ċivili, fejn, wara li jingħad li t-taxxa għal xogħlijiet estraġudizzjarji tista' tiġi attakkata fi żmien xahar b'ċitazzjoni, b'talba sabiex it-taxxa tiġi emendata, jingħad ukoll illi l-għeluq taż-żmien fuq imsemmi mhux ta' xkiel għad-debitur biex b'kull mod mogħti mill-liġi jattakka l-eżistenza tad-dritt mitlub, jew biex jipprova li dan id-dritt ma għadux iseħħ;

Illi din hija l-interpretazzjoni li ġiet mogħtija mill-ġurisprudenza in segwitu għall-emendi li saru lid-dispożizzjonijiet fuq ċitati bl-Ordinanza XXXI tal-1934 kif jinsabu l-lum (v. Kollez. XXIX-II-732);

Illi konsegwentement l-attur, "rebus sic stantibus", mhux prekluż milli jimpunja l-eżistenza tal-kreditu pretiż mill-konvenuti in forza tat-taxxi in kwistjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tal-24 ta' Marzu 1960, biex titkompla skond il-liġi.